FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' JANNAR 2001

Rikors Nru 2370/97DM

Fogg Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Avon Insurance P.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Rose Azzopardi abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Rose Azzopardi

vs

Francis Gatt

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghal-kundanna tal-konvenut sabiex previa kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta skond il-Ligi, jhallas lis-socjeta attrici Fogg Limited is-somma ta' erba  mija  u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm424.38), jew somma ohra verjuri, ammont  rapprezentanti d-danni sofferti mill-attrici assigurata tas-socjeta Fogg Limited, Rose Azzopardi, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta attrici, u thallas ukoll lill-attrici Rose Azzopardi s-somma ta' tnejn u tletin Lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm32.20) ammont rapprezentanti d-dannu lilha kagunat bhala rizultat ta' telf  ta' uzu tal-vettura taghha , piu hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm25.00) rapprezentanti excess payment, li ma kinux koperti mill-polza ta' assikurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-15 ta' Gunju 1996 ghall-habta tal-5.35pm gewwa Depiro Street, kantuniera ma' St Ignatius Street, Sliema, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni V-7927(M), propjeta ta' l-attrici Rose Azzopardi u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni LGY 097, liema incident sehh unikamnet bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l- ittra  ufficjali ta'   ta'  Ottubru 1996, u dawk ta' l-ittra ufficjali li qed tintbaghat kontestwalment ma ' l-att lis-socjeta Untours Insurance Services Limited, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali ta'    ta'  Ottubru 1996, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Francis Gatt fejn eccepixxa:-

1. Illi dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud billi ghall-incident awtomobilistiku "de quo" kienet tahti Rose Azzopardi.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tal-15 t’Ottubru 1998 fejn l-atturi pprezentaw kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Frar 1999 fejn l-atturi rrinunzjaw ghal-kapitolu

Rat il-verbal tas-27 t’April 1999 fejn il-konvenut iddikjara illi l-kontestazzjoni tirrigwarda biss ir-responsabbilita u mhux il-quantum tad-danni

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat

Illi mid-deposizzjoni biss tal-attrici, Rose Azzopardi, u l-isketch esibiti li juri il-posizzjoni tal-vetturi wara l-habta, jirrizulta li ebda wiehed mill-kontendenti ma waqaf biex jesplora sew l-inkrocju qabel ma pproceda fi trieqtu.

Infatti l-attrici tistqarr li kull ma ghamlet kien li naqqset il-velocita' u sabet il-konvenut ma wiccha, waqt li l-konvenut, f'dak li stqarr mal-ufficjal li nvestiga l-kollizzjoni, jammetti li zamm il-brake biss kif sab lill-attrici.

Ghalhekk iz-zewg sewwieqa huma risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo'; izda billi f'inkrocju bejn toroq tal-istess importanza d-dritta hija tal-vettura provenjenti mix-xellug ir-responsabilita' ghandha tigi ripartita in kwant ghall-terz (1/3) lill-konvenut u zewg terzi (2/3) lill-attrici Azzopardi.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici limitatament billi tiddikkjara li l-konvenut huwa risponsabbli ghall-kollizzjoni 'de quo'; fi grad biss ta terz (1/3) u ghalhekk tikkundannah li jhallas lill-atturi 1/3 biss tal-ammont ta' danni minnhom sofferti; ghalhekk tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi Fogg Limited nomine is-somma ta mija wiehed erbghin liri maltin u hamsin centezmi (LM141.50) u li jhallas lill-attrici Rose Azzopardi is-somma ta' dsatax il-lira (LM19), u bl-imghax legali mill-lum.

Bl-ispejjes jithallsu in kwantu ghall 1/3 mill-konvenut u 2/3 mill-atturi 'in solidum' bejniethom.

Magt Dr D Montebello B A LLD

civ18